Avviz Numru CCT 445/11/GZ

**Joseph u Ilona Formosa**

**vs**

**Top Choice**

Illum 16 ta' Mejju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-17 ta' Ottubru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' disgha u disghin Ewro (€99.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal 'food processor', liema 'food processor' kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Is-socjeta' ntimata qieghda tirrifjuta illi ssewwilhom il-'food processor', ghaliex qieghda tinsinwa li l-imsemmija 'food processor' thassret ghaliex giet uzata hazina.

Ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravati bil-fatt illi huma dejjem uzaw il-'food processor' kif suppost, u ghalhekk qieghdin jitolbu illi jinghataw il-flus lura mis-socjeta' ntimata jew li jinghataw 'food processor' gdida mill-istess socjeta' ntimata.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Din il-'food processor' hija ghall-uzu domestiku.

Wara li tintuza bejn tletin (30) sa sittin (60) sekonda trid thalliha tiksah.

Fil-'manual' dan jinsab miktub b'mod car.

Il-mutur ta' din il-food processor inhall u jidher car li l-magna ntuzat hazin.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' l-imsemmi 'manual', flimkien ma' sett ta'disgha (9) ritratti tal-hsarat fil-mutur tal-'food processor'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, billi stqarru illi wara biss ghaxar (10) xhur minn meta kienu xtraw il-'food processor' in kwistjoni, inharaq il-mutur taghha u ma baqghatx tiffunzjona.

Ir-rikorrenti ezebew l-ircevuta ta' meta xtraw il-'food processor' ghall-prezz ta' disha u disghin Ewro (€99.00), flimkien mal-garanzija ta' l-istess, liema garanzija tindika l-perjodu ta' sentejn.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, stqarret illi l-garanzija ma hijiex koperta skond it-tekniku taghha, u li r-rikorrenti ghamlu izjed minn minuta jaghfsu l-buttuna waqt li kienu qed ihaddmu l-'food processor', meta din trid thaddimha ftit ftit.

It-Tribunal josserva illi apparti mir-ritratti illi gew ezebiti mis-socjeta' ntimata, l-istess socjeta' ma tellghatx lit-tekniku illi spezzjona l-'food processor' in kwistjoni sabiex jixhed quddiem dan it-Tribunal, u lanqas ma ezebiet rapport tekniku rigwardanti l-allegazzjonijiet ta' uzanza hazina da parti tar-rikorenti. Illi ghalhekk ma ngabet l-ebda prova ta' kwalunkwe ness bejn il-hruq tal-mutur u n-nuqqas da parti tar-rikorrenti

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, u jordna lis-socjeta' ntimata tipprovdi u taghti 'food processor' gdida ta' l-istess ditta lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**